

MT

Avviż ta' Sejħa għal Proposti

INTESTATURA TAL-BAĠIT 04.03.03.02

Miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema

VP/2013/002

Fl-2013, il-Baġit Ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jinkludi approprjazzjoni ta' impenn, taħt l-intestatura 04 03 03 02, maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq "miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema".

L-organizzazzjonijiet eliġibbli huma organizzazzjonijiet ta' msieħba soċjali li jirrappreżentaw il-ħaddiema f'livelli Ewropej, nazzjonali jew reġjonali; l-uffiċċju rreġistrat ta' dawn l-organizzazzjonijiet għandu jkun ibbażat f'wieħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Din is-sejħa għal proposti tikkonċerna l-ammont ta' € 3 740 000, li għandu jiġi użat esklussivament għal proġetti speċifiċi ta' informazzjoni u taħriġ. Għall-inqas żewġ terzi ta' l-approprjazzjonijiet disponibbli taħt din il-parti miftuħa huma maħsuba għal miżuri mressqa minn organizzazzjonijiet Ewropej.

Se jkun hemm **data waħda ta' għeluq** għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet fl-2013:

- **it-23 ta' Mejju 2013** għal operazzjonijiet li jibdew mhux qabel **it-23 ta' Lulju 2013** u mhux aktar tard mit-**31 ta' Diċembru 2013**;

Għal iktar informazzjoni dwar miżuri eliġibbli, applikanti eliġibbli, ammonti għall-ko-finanzjar u regoli oħra, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sett sħiħ ta' istruzzjonijiet fuq din il-websajt :

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=630&callId=374&furtherCalls=yes>